## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA, SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. JONATHAN CAMILLERI BOWMAN (KI. 17779M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**21/11/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Lill- **Jonathan Camilleri Bowman** **Bin Joseph u Marceline nee Soler. Mwieled.San Giljan.29/11/1978.**
**ID. 17779M** **Toqghod ; 12 Flt.1, Triq Nathalie Poutiatin Tabone, Sliema.**

**BILLI int akkuzat** talli fit- 12/02/2023 ghall habta ta'14.01hrs f' Triq Il-Kosta, Naxxar,

(1). Soqt vettura Nru. ACU-416 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda).(Sec.15(1)(a)(3) Chap.65)

(2). Soqt vettura Nru.ACU-416 minghajr ma kienet koperta b'polza ta'assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.(Sec.3(1) Chap.104)

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' Stephen Cachia għal Transport Malta (*affidavit*) u Dr. Alessia Zammit McKeon.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2023 id-difiża iddikjarat illi ma kienetx qed tikkontesta l-fatt tas-sewqan mill-imputat fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi.

2. Fl-istess seduta ġie esebit l-affidavit maħluf ta' **<u>Stephen Cachia</u>** (rappreżentanti Transport Malta) minn fejn jirriżulta illi l-liċenzja tal-vettura bin-numru ta'

reġistrazzjoni ACU 416 tal-għamla Porsche Panamera kienet skadiet fil-31 ta' Jannar 2023 u ġiet imġedda fl-14 ta' Frar 2023.

3. Wara li l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi, d-difiża ppreżentat estratt minn polza tal-assigurazzjoni tas-sewqan maħruġa lill-imputat għan-nom ta' Searise Developments Limited minn Atlas Insurance PCC Limited. Din il-polza tkopri s-sewqan tal-vettura fuq imsemmija minn *two specified drivers* inkluż l-imputat innifsu, bejn id-9 ta' Frar 2023 u l-31 ta' Jannar 2024.

4. Fl-istess seduta xehdet ukoll fuq talba tad-difiża **Dr. Alessia Zammit McKeon** in rappreżentanza ta' Atlas Insurance PCC Limited. Din xehdet fost oħrajn illi fid-9 ta' Frar 2023 il-kumpanija tal-assigurazzjoni kienet irċeviet struzzjonijiet mingħand l-imputat sabiex iġġeddidlu l-liċenzja u l-assigurazzjoni tal-vettura. Il-polza ġiet imġedda b'effett minn dakinhar (ossia mid-9 ta' Frar 2023) iżda minħabba pressjonijiet kbar ta' xogħol il-liċenzja baqgħet ma ġietx imġedda qabel l-14 ta' Frar 2023.

5. Id-difiża kkontendiet illi għalhekk l-imputat ma jistax jinstab ħati stante illi ħa l-passi kollha li kellu bżonn jieħu sabiex ikollu r-*road license* u l-assigurazzjoni mġedda.

6. Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ tqis illi darba ġie ppruvat illi kienet il-kumpanija tal-assigurazzjoni li naqqset, minħabba raġunijiet independenti mill-volonta' tal-imputat, illi ġġeddidlu l-liċenzja tal-vettura minkejja li dan kien taha struzzjonijiet sabiex tagħmel hekk (qabel id-data tal-allegat reati), m'għandux jaħti għal dan in-nuqqas l-imputat.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti tillibera lill-imputat minn kull akkuża u ħtija.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**